MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2012

Numru. 19/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**Vs**

**Carmel Cauchi ta' 62 sena bin John u Guzeppa nee' Spiteri, imwieled Xewkija nhar it-22 ta' Lulju 1949, residenti fil-fond numru 6, Triq San Pawl, Xewkija u detentur tal-karta ta'l-identita' bin-numru 60749G**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmija Carmel Cauchi li gie akkuzat talli nhar is-17 ta' Marzu 2009 u snin ta' qabel gewwa ix-Xewkija:

a. kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija bi ksur tal-artikolu 5(1) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tal-20 ta' April 2009 sabiex dana l-kaz jigi trattat u deciz minn dina l-Qorti bil-procedura sommarja.

Semghet il-provi;

Semghet trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi akkwiziti f'dina l-kawza jirrizulta illi l-pulizija sabu arma tan-nar fil-pusess tal-imputat li ma kinitx illicenzjata. Dana sehh meta l-imputat gie mitkellem mill-pulizija wara argument li kellu ma' certu Joe Buttigieg fejn dan tal-ahhar allega illi l-imputat kien heddu li ser jisparalu. Ghal din ir-raguni l-pulizija kienu elevaw l-armi tan-nar kollha li kienu fil-pussess tal-imputat li kienu erbgha b'kollox[1]. Jirrizulta madanakollu illi ghalkemm tlieta mill-armi li kellu l-imputat kienu regolarment illicenzjati, wahda minnhom ma kinitx u cioe' l-arma tan-nar shotgun side-by-side bin-numru serjali 124026FN[2]. Din l-arma giet esebita in atti.[3]

Illi kemm fl-istqarrija rilaxxjata minnu kif ukoll meta jixhed il-Qorti, l-imputat isostni illi dina l-arma tan-nar kien wiritha minghand il-genituri tieghu. Fil-fatt isostni illi wara l-mewt ta' ommu, dina l-arma tan-nar kienet instabet f'xi gwardarobba. Dana sehh madwar tmien snin ilu. Izda peress illi hutu l-ohra kienu jghixu l-Awstralja, kien impossibli ghalihom li jiehdu dina l-arma maghhom u ghalhekk kienu ghaddewha lilu. L-imputat isostni illi dina l-arma tan-nar kien jiehu hsiebha izda qatt ma uzaha.[4] Illi l-Kapitolu 480 jipprovdi espressament x'ghandu jigri minn

---

[1] Ara xhieda tal-PS664 Jason Xerri a fol.19 u PC1054 Carmel Zahra a fol.26
[2] Ara xhieda tal-PS73 Josef Camilleri a fol.23 u il-licenzja Dokument JC1 u JC2
[3] Ara Dokument E
[4] Ara stqarrija Dokument C a fol.14, u ix-xhieda ta'l-imputat u ta' huh John Cauchi a fols.42 u 44

arma tan-nara wara l-mewt tal-*licensee* meta jinghad fl-artikolu 42:

"**Meta persuna li jkollha licenza biex izzomm arma regolari jew munizzjon tmut, l-eredi apparenti taghha jew il-kustodju, li tkun persuna li diga jkollha licenzja taht dana l-Att u li tkun giet mahtura minn dik il-persuna qabel mewtha, jinzammu legalment responsabbli ghal dik l-arma regolari jew munizzjoni u jitqiesu li qeghdin legalment izommu l-arma jew munizzjoni imsemmija bis-sahha tal-licenzja mahruga lill-persuna li tkun mietet:**

**Izda fi zmien sentejn mid-data tal-mewt tad-detentur tal-licenza l-eredi jew il-kustodju, skond il-kaz, ghandhom:**
**(a) jiddisponu mill-arma jew munizzjon billi jittrasferuha lil persuna li jkollha licenza ghal daqshekk; jew**
**(b) jaghmlu l-arma ma tiffunzjonax jew jikkonsenjaw l-arma jew il-munizzjon lill-Kummissarju:**"

Illi mill-provi akkwiziti jidher minghajr l-icken dubbju li l-ebda wahda minn dak previst fil-ligi ma sehh.

Illi fil-kors tat-trattazzjoni ta' dina l-kawza d-difiza talbet li jigi nominat espert tal-ballistika sabiex jistabbilixxi jekk l-arma tan-nar mertu ta' dina l-kawza kinitx xi arma antika jew artístika, rari jew storika ai termini tal-artikolu 2 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi gie nominat bhala espert tal-ballistika l-Brigadier Maurice Calleja li fir-rapport tieghu jikkonkludi *verbatim*:
"**Dan is-senter huwa senter normali li jintuza ghal kacca kullimkien u maghruf bhala senter taz-zewg. Dan is-senter ghadu f'kundizzjoni tajba u fil-fatt huwa relattivament modern. Is-senter Dok E la huwa arma antika jew artistika rari jew storika ai termini tal-artikolu 2 tal-Kap.480**."[5]

[5] Ara rapport Dokument MC a fol.34 et.seq.

Illi fid-dawl ta’ dawn ir-risultanzi processwali l-Qorti ma ghandha izzid xejn iktar billi jirrizulta indubbjament ippruvat illi l-imputat kellu dina l-arma tan-nar jew senter taz-zewg fil-pussess tieghu minghajr id-debita licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija. Fuq kollox dana jammettieh l-imputat stess fix-xhieda tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi nflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-fatt illi l-imputat ma kienx qed juza dina l-arma tan-nar li giet f’idejh wara l-mewt ta’ ommu. Kwindi ghandu japplika fil-konfront tieghu l-piena stabbilita fil-proviso ghall-artikolu 51(2) tal-Kapitolu 480.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 5(1) u 51(2) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah multa ta’ €750.

Inoltre l-Qorti tordna il-konfiska tad-Dokument E.

Finalment wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tordna lill-imputat ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta’ €241 bhala spejjez peritali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------